**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Mejju 2018**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 419/2018 JZM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 55/18 fl-ismijiet :**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

***kontra***

**Puma Footwear Limited (C3097)**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentat Malta Industrial Parks Limited fit-23 ta` April 2018 sabiex rifjut ta` notifika tal-ittra ufficjali Numru 55/18 titqies bhala notifika posittiva tas-socjeta` ntimata.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet precedenti taghha.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2018 fid-9.00 a.m.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors tal-lum, ir-rikorrenti tippremetti hekk :-

*Illi s-socjeta esponenti ilha sa mit-8 ta` Jannar 2018 tittenta tinnotifika l-ittra ufficcjali fl-ismijiet fuq premessi lis-socjeta intimata ;*

*Illi wara diversi tentattivi li ma swew ghalxejn ghaliex kull min kien hemm fir-residenza fejn jabita Marcus Tonna, direttur tas-socjeta intimata, irrifjuta n-notifika tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet fuq premessi minn idejn il-marixxal John Francica, l-esponenti ghaddiet sabiex nhar il-15 ta` Frar 2018, ipprezentat rikors fejn talbet "illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Art. 187 tal-Kap. 12 taghti l-opportuni provvedimenti sabiex din in-notifika ssir f`kull hin anke wara l-hin legali, **f`idejn Marcus Tonna jew f`idejn xi wahda mill-persuni li jabitaw mal-imsemmi Marcus Tonna u cjoe Julia Tonna u Natasha Busuttil fl-indirizz tieghu 31/5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema** u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni" u dan wara li l-esponenti dettaljatament spjegat ic-cirkostanzi rilevanti ghall-finijiet ta` notifika ;*

*Illi dan ir-rikors intlaqa` b`digriet tas-16 ta` Frar 2018 ;*

*Illi fl-istess gurnata thallset zieda sabiex isir tentattiv iehor ta` notifika a tenur tal-provvediment ta` din l-Onorabbli Qorti izda meta mar il-marixxal fit-13 ta` Marzu 2018 minkejja d-digriet tal-Qorti, in-notifika ma saretx billi fl-indirizz imsemmi sab lis-Sinjura Busuttil (K.I. 317370M) u din qabbditu permezz tal-mobile ma` Marcus Tonna li informa lill-marixxal li mhux sejjer jaccetta l-att billi mghandu x`jaqsam xejn ma` Puma Footwear u kwindi l-att*

*gie rifjutat.* *<u>Jigi rilevat li jirrizulta car mid-dokumenti annessi mar-rikors suriferit tal-15 ta` Frar 2018 li Marcus Tonna mhux talli mghandux x`jaqsam mal-kumpannija talli hu direttur taghha ;</u>*

*Illi ex abundante cautela, wara li l-avukat sottofirmat kellem lill-marixxal ewlieni u wrieh id-digriet tas-16 ta` Frar 2018, regghet thallset zieda fejn gie indikat li n-notifika ghandha ssir lil "Marcus Tonna jew Julia Tonna jew Nat. Busuttil skond digriet 16/2/2018". Jigi rilevat li ghad li din li qed taghti isimha lill-marixxal Francica bhala Nathalie Busuttil (K.I. 317370M) fil-fatt jisimha Natasha Busuttil kif jirrizulta mir-Registru Elettorali li estratt tieghu gie prezentat mar-rikors suriferit, precedenti ghal dak odjern ;*

*Illi nhar it-12 ta` April 2018, il-marixxal Francica ghamel tentattiv iehor ta` notifika liema tentattiv ukoll spicca fin-negattiv billi minn dak li tghid ir-riferta: "Meta mort fuq il-post sibt it-tifla ta` Marcus Tonna, cemplet lil missierha qalli li huwa Marcus Tonna u infurmani li mhux se jaccetta atti, la huwa Marcus Tonna u lanqas hadd f`dan l-indirizz u qed jirrifjuta l-att" ;*

*Illi cio nonostante, sar tentattiv iehor nhar is-16 ta` April 2018 li wkoll irrizulta fin-negattiv izda din id-darba, mir-riferta jirrizulta li l-marixxal gharraf lil min sab bil-provvediment tal-Qorti: "Sibt lil Nathalie Busuttil (ID 317370M) infurmajtha bi digriet tal-Qorti peress li l-att gie rifjutat kemm il-darba u Nathalie Busuttil...baqat tirrifjuta" ;*

***Illi huwa deplorevoli li persuna tirrifjuta att li hu ndirizzat lilha aktar u aktar meta hemm digriet f`dan is-sens ;***

*Illi minn dak li qed jinghad fir-riferti jidher bic-car li Marcus Tonna qieghed jaghmel l-almu kollu tieghu sabiex jevita li jigi notifikat u minkejja l-ordni li ghamlet din il-Qorti, qieghed jghid lil marixxal li l-ebda persuna li tabita mieghu mhi se taccetta notifiki. Dan mhu xejn ghajr kontumelja tal-ghola grad lejn din l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi t-tieni proviso tal-<u>Art. 187(1) tal-Kap. 12</u> jipprovdi li :*

*Izda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficjal ezekuttiv tal-qrati, il-qorti tista` fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma` lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-incident, tiddikjara b`digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Illi fic-cirkostanzi jsegwi li hemm lok li jittiehdu provvedimenti kemm fir-rigward tan-notifika kif ukoll, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li hu opportun, fil-konfront tal-persuni li rrifjutaw in-notifika minkejja d-digriet tas-16 ta` Frar 2018.*

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex :-

*prevja li tisma` lill-marixxal John Francica kif trid il-ligi :*

*i) taghti l-opportuni provvedimenti fir-rigward tan-notifika inkluz billi tiddikjara li din saret validament f`idejn bint Marcus Tonna fid-data u hin indikati fir-riferta*

*ii) jekk thoss li hu floku, minn dak li jirrizulta wara li tisma` lill-marixxal, tiehu passi (jew tordna lir-Registratur jibda` l-proceduri a tenur tal-Art. 1003A tal-Kap. 12) ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti kemm-il darba tqis li dak li jinghad hawn u dak li jirrizulta mir-riferti jikkostitwixxi disprezz, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

**Ikkunsidrat :**

**Fil-kors tal-udjenza tal-24 ta` Mejju 2018, semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Claudette Fenech bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji, ta` l-Ufficjal Ezekuttiv tal-Qorti John Francica, u ta` Marcus Tonna.**

<u>**Av. Claudette Fenech**</u> xehdet illi Puma Footwear Limited hija kumpannija li giet xjolta. Taf li hemm Silvio Muscat bhala stralcjarju. Pero` fis-sistema taghhom bhala Registru tal-Kumpanniji ma jirrizulta xejn peress illi ghall-ewwel l-istralcjarju baghtilhom d-dokumenti li l-kumpannija kienet "*solvent*", ipprezenta *statement of assets and liabilites* u kienet iffirmata *declaration of solvency*. Id-dokumenti ntbaghtu lura biex jigu korretti u in segwitu baghat informazzjoni li kienet tghid il-maqlub ta` li kien baghat qabel.

Kompliet tghid illi Puma Footwear Limited ghadha registrata pero` ghadha fi stat ta` stralc ghaliex ma jirrizultax li l-istralc huwa konkluz.

Kien prezentat Dok MFSA1 li huwa l-avviz tar-risoluzzjoni ta` xoljiment u stralc volontarju ta` Puma Footwear Limited datat 15 ta` Marzu 2010 iffirmat minn Mario Tonna, mnejn jirrizulta li Silvio Muscat kien mahtur bhala stralcjarju.

Kien prezentat ukoll Dok MFSA2 li hija dikjarazzjoni li tidher li saret minn Mario Tonna u Marcus Tonna, li pero` hija ffirmata minn Mario Tonna biss, fejn hemm dikjarat li Pumka Footwear Limited hija f` qaghda li thallas id-djun taghha kollha fi zmien tnax il-xahar mid-data tax-xoljiment.

**<u>John Francica</u>** - Ufficjal Ezekuttiv tal-Qorti - xehed illi kull meta sar tentattiv ta` notifika fil-fond 31/5 Dingli Street, Sliema, kien isib lil Natasha Busuttil, li kienet tghidlu li ma taf b`xejn. Gieli cemplet quddiemu lir-ragel taghha Marcus Tonna. Natasha Busuttil dejjem irrifjutat in-notifika. Tkellem ukoll ma` Marcus Tonna li qallu li ma jaf b`xejn dwar il-kwistjoni. Kemm Tonna kif ukoll Busuttil irrifjutaw n-notifika tal-ittra ufficjali ghaliex qalu li m`ghandhomx x`jaqsmu ma` Puma Footwear Limited.

**<u>Marcus Tonna</u>** xehed illi m`ghandux aktar konnessjoni ma` Puma Footwear Limited. Kellu konnessjoni maghha fil-bidu tas-snin disghin meta kien direttur u azzjonist minoritarju. Irrizenja minn direttur fl-istess waqt li kienet xjolta l-kumpannija bosta snin ilu. Mistoqsi jekk kienx nominat stralcjarju xehed illi ma jiftakarx ghaliex dak z-zmien missieru Mario Tonna, illum mejjet, kien jiehu hsieb hu. Mistoqsi mill-Qorti, stqarr illi tul dawn l-ahhar sitta jew seba` snin kien qata` kull kuntatt ma` missieru. Fl-2010, ma kienx involut mal-kumpannija. Mistoqsi jafx bi proceduri li kienu saru anke f`ismu sabiex l-kumpannija terga` titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji, wiegeb illi huwa ma ta struzzjonijiet lil hadd biex isir dan tant li lanqas kien jaf bil-kawza. Wara li sar ix-xoljiment ma nkarika lil hadd sabiex il-kumpannija terga` tkun riattivata. Qal li ma jafx bi proceduri li saru wara l-2010.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti mexxiet fil-procedura tal-lum abbazi tal-proviso tal-Art 187(1) tal-Kap 12 li ccitat fil-premessi tar-rikors.

**<u>L-Art 187(4) tal-Kap 12</u>** ighid :-

*Fil-kaz ta` korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja tal-iskrittura :*

*(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f`idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f`idejn impjegat ta` dak il-korp ; jew*

*(b) f`idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).*

Imbaghad l-**<u>Art 187(5) tal-Kap 12</u>** ighid :-

*Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifika ta` skrittura jinstab li n-notifika kif provdut fis-subartikolu (4) ma tkunx saret, il-qorti tista`, jekk jirrizulta li mill-inqas xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) ikun jinsab Malta tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-iskrittura fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, fejn dak il-korp ikollu l-ufficcju registrat, ufficcju principali, jew il-post tan-negozju tieghu, u billi dik l-iskrittura tinhareg fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f`gurnal ta` kuljum wiehed jew aktar minn wiehed skont kif il-qorti tista` tiddeciedi u, meta possibbli, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb tal-ufficcju registrat, ufficcju principali, jew post tan-negozju. Il-qorti tista` wkoll tiehu dawk il-mizuri ohra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgharraf b`dik l-iskrittura lil xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2).*

Skont l-**<u>Art 295 tal-Kap 386</u> :** *"Mal-hatra ta` stralcjarju, is-setghat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu …"*

Skont l-**<u>Art 238 tal-Kap 386</u>**, l-istralcjarju ghandu l-obbligi li jaghnel jew jiddefendi kull azzjoni jew procedimenti legali ohra fl-isem u ghan-nom tal-kumpannija.

**Ikkunsidrat :**

Relattivament ghall-atti tal-ittra ufficjali Numru 55/2018, jirrizultaw dawn ir-referti tal-ufficjal ezekuttiv tal-qorti :–

<u>10 ta` Jannar 2018</u> :

Ir-referta tghid illi ma sabx lil Marcus Tonna.
Minflok sab lit-tifla tieghu li rrifjutat n-notifika.

30 ta` Jannar 2018 :

Ir-referta tghid illi sab lil Natasha Busuttil li rrifjutat n-notifika.

15 ta` Frar 2018 :

Ir-rikorrenti pprezentat rikors fejn talbet sabiex in-notifika tal-ittra ufficjali ssir *"f`idejn Marcus Tonna jew f`idejn xi wahda mill-persuni li jabitaw mal-imsemmi Marcus Tonna …"*

21 ta` Frar 2018 :

Ir-referta tghid illi l-ufficjal ezekuttiv sab lis-seftura li cemplet lis-sid, Kellmu Marcus Tonna li nforma li ma ghandhom xejn ma` l-kumpannija.

13 ta` Marzu 2018 :

Ir-referta tghid li l-ufficjal ezekuttiv sab lil Nathalie Busuttil.
L-ufficjal kien infurmat illi ma kenitx sejra taccetta n-notifika tal-att billi ma kellhomx x`jaqsmu ma` Puma Footwear Limited.

12 ta` April 2018 :

Ir-referta tghid li meta l-ufficjal ezekuttiv ma fl-indirizz indikat sab lit-tifla ta` Marcus Tonna. Din cemplet lil missierha. Dan informa lill-ufficjal illi la huwa u lanqas haddiehor fl-istess indirizz ma kien ser jaccetta atti li jirrigwardaw Puma Footwear Limited.

13 ta` April 2018 :

Ir-riferta tghid li ma fetah hadd.

16 ta` April 2018 :

Ir-referta tghid illi l-ufficjal sab lil Nathalie Busuttil li giet infurmata bid-digriet fejn kellha taccetta l-att, izda din rega` rrifjutat li taccetta n-notifika.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta li d-diversi tentattivi ta` notifika tal-ittra ufficjali in kwistjoni kollha saru lil Marcus Tonna jew familjari tieghu.

Jirrizulta li dan Marcus Tonna ghamel zmien direttur u kien ukoll azzjonista ta` minoranza tal-kumpannija Puma Footwear Limited.

Jirrizulta li b`effett mill-15 ta` Marzu 2010, Marcus Tonna ma baqax direttur tal-kumpannija billi din kienet xjolta b`rizoluzzjoni tal-azzjonisti sabiex tkun stralcjata.

Ghall-fini tal-istralc, inhatar Silvio Muscat bhala stralcjarju.

Jirrizulta li Silvio Muscat ghadu l-istralcjarju ta` Puma Footwear Limited.

Mill-atti ma jirrizultax li qatt sar tentattiv ta` notifika tal-ittra ufficjali lill-istralcjarju Silvio Muscat. Dan ma sarx mhux ghaliex kien hemm htija jew nuqqas da parti tar-rikorrenti izda minhabba d-diffikultajiet u r-ragunijiet li kienu ndikati fid-deposizzjoni ta` Dr Claudette Fenech.

Tishaq illi max-xoljiment ta` kumpannija u mal-hatra tal-istralcjarju, jintemmu s-setghat kollha tal-ufficjali tal-kumpannija. L-ghan tal-istralc huwa li jigu likwidati l-affarijiet tal-kumpannija u jigu risolti l-vertenzi pendenti. Il-funzjoni tal-istralcjarju hija li jgib fit-tmiem l-operazzjonijiet in corso, jezigi l-krediti (jekk ikun hemm) jestingwi l-passivitajiet u jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta`.

Fil-kors ta` stralc, ir-rappresentanza guridika ta` kumpannija hija vestita fl-istralcjarju. Ghalhekk dak li jghid l-Art 181A, u l-Art 187(4) u (5) tal-Kap 12 ghandu jkun inkwadrat fl-ambitu tad-disposizzjonijiet tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat :**

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi kieku l-fatti li hargu mill-evidenza li nstemghet fil-kors tat-trattazzjoni ta` dan ir-rikors kienu a konoxxenza tar-rikorrenti jew tal-Qorti li akkordat ir-rikors tal-15 ta` Frar 2018, it-talba kif dedotta f`dak ir-rikors jew qatt ma kienet issir jew ma kenitx tkun akkolta. Ghalhekk sejra tordna r-revoka *contrario imperio* dak id-digriet.

Il-htiega li notifika ta` att tkun korretta u valida hija materja ta` ordni pubbliku. Ghalhekk tenut kont tal-fatti u cirkostanzi li rrizultaw fil-kors ta` dan il-procediment, hija ma tistax twarrab dan il-punt ta` dritt fil-genb u takkorda l-ewwel talba tar-rikorrenti meta kien ippruvat li l-persuni li ghandhom kienu qeghdin isiru n-notifiki ma kinux dawk li skont il-ligi ghandhom ir-rappresentanza ta` Puma Footwear Limited.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Frar 2018 (ara fol 14 u 15 tal-process), qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**